9 LEĠISLATURA

**Laqgħa Numru 57**

**It-Tnejn, 26 ta' Settembru 2022**

Il-Laqgħa numru 57 saret fil-bini amministrattiv tal-Kunsill Lokali nhar it-Tnejn 26 ta' Settembru 2022 fil-5:30 ta' filgħaxija.

**PREŻENTI:**

| | |
|---|---|
| Is-Sur Stephen Sultana | Sindku |
| Is-Sur Gianluca Falzon | Viċi Sindku |
| Is-Sur Joe Vella | Kunsillier |
| Is-Sa Roberta Sultana | Kunsillier |
| Is-Sa Courtney Farrugia | Kunsillier |
| Is-Sur Kursten Dimech | Kunsillier |

**ASSENTI b'APOLOĠIJA (Skont Ordni Permanenti 14A (3)**:

| | |
|---|---|
| Is-Sur Silvio Vella | Kunsillier |

**ASSENTI:**

Ħadd

**UFFIĊĊJAL PREŻENTI:**

| | |
|---|---|
| Is-Sur Michael Mifsud | Deputat Segretarju Eżekuttiv |

**Minuti**

Is-Sindku, is-Sur Stephen Sultana ippresjeda l-laqgħa.

**57.1 Qari tal-ittri t'apoloġiji**

Is-Sindku informa lill-membri li għal raġunijiet personali, s-Sur Silvio Vella ma kienx disponibbli għal din il-laqgħa.

**57.2 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti tal-laqgħa tal-Kunsill.**

**57.2.1 Approvazzjoni tal-Minuti**

Minuti tal-55 u tas-56 laqgħa ġew approvati unanimament.

**57.2.2 Korrezzjonijiet**

Fil-Minuti 55 u 56 ma kienx hemm korrezzjonijiet.

**57.3 Punti mqajjma mill-minuti**

**57.3.1** Minuta 55.3.1 – Is-Sindku rrimarka li l-laqgħa mas-Sur Gauci u s-Sur Mario Coleiro flimkien mas-Sur Silvio Vella għadha ma ssejħitx.

**57.3.2** Minuta 55.3.3 – Is-Sindku informa lill-membri li l-l-applikazzjonijiet tal-Ġieħ u l-Mertu Santa Venera jagħlqu l-Ġimgħa 7 t'Ottubru. Is-Sindku nforma lill-Membri li għal din is-sena s-sala ta' St Elias mhux disponibbli sabiex ikun ċelebrat dan il-jum. Għaldaqstant is-Sinku qal li qed jiddiskuti ma Fr Gigi sabiex l-attivita' issir fis-sala ta' San Ġużepp. Is-Sindku ppropona sabiex din is-sena jitqabbad organizzatur sabiex jassisti f'din l-attivita'. Wara diskussjoni bejn il-membri kien hemm qbil sabiex fil-laqgħa li jmiss ikunu preżentati l-proposti kollha sabiex ikun deċiż il-programm.

**57.3.3** Minuta 55.3.5 - Is-Sindku informa lill-membri li l-Kunsill irċieva l-kwotazzjoni mingħand is-Sa Romina Perici Ferrante sabiex sakemm insibu Assistent Principal u tkun tista tieħu ħsieb l-accounts tal-Kunsill. Wara diskussjoni l-membri qablu unanimament.

**57.3.4** Minuta 55.4.2 - Is-Sindku informa lill-membri li s-Sur D'Anastasi kien spjega fid-dettal lill-ħaddiema tal-Kunsill kif ser tkun applikata din is-sistema tal-ġbir tal-iskart goff.

**57.4 Komunikazzjoni mis-Sindku**

57.4.1 Is-Sindku informa lill-membri li għal din is-sena l-kors tal-lifelong learning ġie kkanċellat minħabba l-fatt li ma kienx hemm konkorrenza.

57.4.2 Is-Sindku informa lill-membri li l-attivita' ta' kull sena li ssir fi żmien il-Milied, Betlehem f'Santa Venera ser tkun bejn id-9 u l-11 ta' Diċembru 2022. Huwa żied jgħid li bħal kull sena s-Sur Ray Fonz Borg ser qiegħed jieħu ħsieb din l-attivita'.

F'dan il-mument is-Sndku talab lill-membri sabiex issir sospensjoni tal-Agenda u jkun diskuss punt 57.6.1 *Girl Guides.* Kien hemm qbil unanimu mill-membri preżenti.

## 57.6 Items oħra ta' xogħol ieħor tal-Kunsill Lokali li jkunu meħtieġa

**57.6.1** Girl Guides

Is-Sindku talab lis-Sa Ritienne Spiteri sabiex tintroduċi ruħha mal-membri tal-Kunsill. Hija nfurmat lill-membri li hi qed tmexxi l-Girl Guides ta' Santa Venera li bhalissa huwa inkorporat minn 40 membru. Hija saħqet li qed issib problema sabiex topera minħabba li m'ghandhomx sedja u ghaldqastant talbet il-Kunsill sabiex jekk hu possibbli l-Kunsill jipprovdilhom post fejn ikunu jistgħu jiltaqgħu. Apparti minn hekk is-Sa Spiteri infurmat lill-Kunsill sabiex jibdew ikunu nkluża fl-attivitajiet tal-Kunsill għaliex jixtieqi jipparteċipaw iktar.

Is-Sindku u l-membri fehemu dwar is-sitwazzjoni u ġie spjegat li l-Kunsill m'għandux alternattivi biex jipprovdilhom post fejn ikunu jistgħu jiltaqgħu.

## 57.5 Rapporti / Korrispondenza

**57.5.1** Is-Sindku informa lill-membri li s-Sur Joe Vella jixtieq li titħawwel sigra bħalha tifkira għar-Reġina Eliżabetta. Wara diskussjoni l-membri qablu li titħawwel siġra ta 34U dak in-nhar li jkun ċelebrat Jum it-Tifkira f' Novembru.

**57.5.2** Bħal kull sena, Marigold Foundation infumat lill-Kunsill sabiex waqt il-Kampanja ta' Pink October u Movember il-Kunsill jixgħel binja.

**57.5.2** Is-Sindku informa lill-membri li l-Kunsill irċieva komunikat mingħand id-Dipartiment tal-Gvern Lokali bl-iskema SPI/SCI/9/2022 - Finanzjament ta' Proġetti Kapitali – Komunitajiet isbaħ u aktar b'saħħithom. Dan ifisser aktar ħolqien ta' spazji miftuħa jew servizzi li jikkultivaw l-appartenenza, l-inklużjoni, ambjent aktar san u sigur, ambjent soċjali li fih in-nies jistgħu jgħixu, jaħdmu, jitgħallmu u jilagħbu, aċċessibilità u mobilità sostenibbli, aktar kundizzjonijiet li fihom ir-residenti kollha, irrispettivament minn fejn huma ġejjin u l-abbilità tagħhom, jistgħu jirnexxu kemm issa kif ukoll fil-futur.

Għal dan il-għan, il-Ministeru għall-Wirt Nazzjonali, l-Arti u l-Gvern Lokali qed ivara dan il-finanzjament immirat għal-proġetti varji sabiex jgħin lill-Kunsilli Lokali jagħmlu dan aktar possibbli għal-komunità rispettiva tagħhom u jkunu f'pożizzjoni li jistgħu jipprovdu kundizzjonijiet ugwali u aktar sostenibbli għar-residenti tagħhom.

Wara diskussjoni l-membri qablu unanimamet sabiex il-Kunsill japplika għall-playingfield ta' Ġuze Flores.

**57.5.3** Is-Sindku informa lill-membri li l-Kunsill irċieva komunikat mingħand l-Assoċjazzjoni Kunsilli Lokali li ser tkun qed taħdem fuq proġett sabiex jiġi mfakkar it-tletin anniversarju mit-twaqqif tal-Kunsilli Lokali ġewwa Pajjiżna. Talbu lil kull lokalita' sabiex tindika liema hi dik ix-xi ħaga li hija sinonima jew tirrappreżenta l-lokal. It-temi jistgħu ikunu personaġġi, monumenti, attivita sportiva sinomina mal-belt jew raħal, tradizzjoni ta' ikel jew inbejjed, frotta jew ħaxixa u oħajn. Sa mhux aktar tard mit-Tnejn, 24 t' Ottubru, il-Kunsill irid jibgħat it-tema.

Wara diskussjoni il-membri qablu sabiex it-tema tal-Kunsill tkun dik tal-Akkwadott.

**57.5.4.** Is-Sindku informa lill-membri dwar korrispondenza li l-Kunsill irċieva mingħand il-Fondazzjoni Wirt Vendriz fejn għandha l-ħsieb li tagħmel bust ta' Patri Ġustin Sant f'għeluq il-mitt sena mit-twelid tiegħu. Id-data tal-inawgurazzjoni hija proposta għas-Sibt 26 ta' Novembru 2022. Ix-xewqa tagħhom bħala Fondazzjoni hi li dan il-bust isir fi Ġnien Romeo Romano. Qed jitolbu biex jaraw x'permessi u x'applikazzjonijiet huma meħtieġa biex dan il-bust ikun jista' jsir fl-imsemmi ġnien pubbliku.

Wara diskussjoni il-membri ablu unanimament li l-Kunsill ma jsibx oġġezzjoni iżda huma jridu japplikaw għall-permessi meħtieġa billi jkellmu perit.

**57.5.5** Is-Sindku informa lill-membri li l-Kunsill irċieva komunikat dwar Skema ġdida għal proġetti sostenibbli mill-kunsilli lokali. Il-Ministru għall-Ambjent, l-Enerġija u l-Intrapriża Miriam Dalli ħabbret skema ta' €800,000 sabiex il-kunsilli lokali jwettqu

proġetti ta' żvilupp sostenibbli fil-komunità. Din hija l-ewwel darba li l-kunsilli lokali f'Malta u Għawdex jistgħu jibbenefikaw minn skema għal proġetti ta' żvilupp sostenibbli. L-għan prinċipali ta' dan il-fond amministrat mid-Direttorat għall-Iżvilupp Sostenibbli huwa li jgħin lill-komunitajiet fi żvilupp ta' proġetti li jippromwovu s-sostenibbiltà f'oqsma differenti. B'dan il-mod tkun qed tissaħħaħ il-ħidma tal-pajjiż fil-kontribuzzjoni għall-għanijiet tal-Aġenda 2030 għall-Iżvilupp Sostenibbli. Kunsilli lokali f'Malta u Għawdex mistiedna japplikaw għal din l-iskema bi proposti għal proġetti li jistgħu jitwettqu fix-xhur li ġejjin. L-aħjar proposti jibbenefikaw minn finanzjament sa 85% tal-ispiża tal-proġett, sa massimu ta' €300,000.

Wara diskussjoni il-membri unanimament qablu sabiex il-Kunsill japplika sabiex jinxtara Vann elettroniku għall-anzjani.

**57.5.6** Is-Sindku informa wkoll lill-membri li l-Kunsill irċieva komunikat mingħand is-Sur Armeni sabiex fil-bini amministrattiv tal-Kunsill isiru żewg vending machines (waħda tal-kafe u oħra tad-drinks u snacks. Wara diskussjoni l-membri qablu li ninfurmawh biex issir spezzjoni minħabba li fil-Kunsill hemm spazju limitat.

**57.5.7** Is-Sindku informa lill membri li l-BOV infurmaw lill-Kunsill sabiex isiru tlett konok bil-pjanti quddiem il-Head office. Wara diskussjoni l-membri qablu unanimament. Il-Kunsill ma jsibx oġġezzjoni fejn ukoll iridu ikollhom il-permessi ta' Transport Malta.

**57.5.8** Is-Sindku informa lill-membri għall-iskema Proġetti fil-Komunitajiet 2021-2023, fejn l-Aġenzija LESA ikkommettiet tlett miljun ewro fi tlett snin, sabiex jitwettqu diversi proġetti fil-lokalitajiet. LESA qed tiftaħ it-tielet sejħa għall-din l-iskema, dik għall-proġetti li se jsiru fl-2022, u li għaliha huma eliġibbli dawk il-Kunsilli li ma ġewx magħżula fl-ewwel u t-tieni sejħa. L-Applikazzjonijiet għandhom jaslu fl-uffiċċini tal-Aġenzija LESA sal-Ġimgħa 4 ta' Novembru, 2022.

Wara diskussjoni l-membri qablu unanimament sabix il-Kunsill japplika għall-proġett ta' Pjazza Franka.

## 57.6 Items oħra ta' xogħol ieħor tal-Kunsill Lokali li jkunu meħtieġa

### 57.6.2 Espressjoni ta' Interess – Kiri ta' garaxx

Is-Sindku informa lill-membri li hemm bżonn li il-Kunsill jixtri garaxx sabiex ikun jista' jintuza bħala store. Wara diskussjoni kien hemm qbil li peress li trid tinħareġ tender filfrattemp il-Kunsill jista jikri garaxx fil-viċinanzi. Għaldaqstant ġie rrakomandat sabiex tinħareġ avviż fuq il-gazzetti sabiex temporanjament jinkera garaxx.

Il-membri qablu unanimament

## 57.7 Kunsiderazzjonijiet u Approvazzjonijiet tal-Iskeda tal-Pagamenti

**57.7.1** L-Iskeda tal-pagamenti Nru 405 u Petty Cash ġew diskussa u approvati.

Skeda ta' pagamenti u Petty cash: Proponent: Is-Sur Kursten Dimech u Sekondant: Is-Sur Joe Vella.

**57.8 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tar-Rapport tal-laqgħat ta' Kumitat u/jew Sotto Kumitati**

F'din il-laqgħa s-Sur Joe Vella ippreżentata l-minuti tal-laqgħa ta-sotto kumitat tal-Ambjent.

**55.9 Kommunikazzjoni mill-Kunsilliera**

**57.9.1** F'din il-laqgħa s-Sur Joe Vella staqsa lis-Sindku dwar il-fatt li diversi residenti Vendrizi huma mħassba wara l-inċidenti li nqalgħu bejn persuni barranin fil-Ħamrun ix-xahar li għadda u fil-ġranet li għaddew u wara l-laqgħa li l-Prim Ministru kellu mas-Sindki tal-Ħamrun u l-Marsa, jista' s-Sindku jinforma jekk kellux xi taħdidiet mal-awtroitajiet dwar is-sigurta' f'raħalna minħabba l-biża tar-residenti li qed ikollhom?

Is-Sindku nfurmah li diskussjonijiet simili fuq reati kriminali jew abbuzi jsiru b'mod regolari mal-Pulizija tad-distrett fil-laqgħat li jissejjħu matul kull xahar.

**55.10.1** Il-Kunsill iddiskuta l-ilmenti segwenti:

| | |
|---|---|
| 706 | Isiru flok tal-Goto |
| 708 | Contracts Manager |
| 710 | Ħaddiema Assenjati |
| 711 | Contracts Manager |
| 723 | Contracts Manager |
| 724 | L-ewwel irid isir traffic management |
| 726 | Tansport Malta |
| 730 | Ma tistax issir |
| 733 | Bħal ilment 710 |
| 734 | Tnadfet |
| 740 | Ma jistgħux isiru double yellow lines - nibgħatu Contracts Manager |
| 745 | Issir |
| 746 | B Grima & Sons |
| 750 | Contracts Manager |
| 763 | Gardinar |
| 765 | Ma tistax issir |
| 768 | L-ewwel nistennew il-policy tal-Gvern |
| 769 | Contracts Manager |
| 778 | Contracts Manager |
| 779 | Contracts Manager |
| 781 | Dan ix-xogħol ġier ċertifikat mill-Periti tal-Gvern |

| | |
|---|---|
| 782 | Iken identifikat liema parti |
| 785 | Ikun identifikat fejn |
| 786 | Contract Manager |
| 787 | Tista' issir |
| 793 | Jibqagħu kin inhuma |
| 794 | Contract Manager |
| 796 | Isiru MC Bays |
| 798 | Logo Grafix |
| 799 | Issir applikazzjoni ma' Transport Malta |
| 800 | Tinħareġ PO |
| 803 | Ma tistax issir karozzi oħra mhun qed isibu din il-problema |

## Ilmenti preċedenti

| | |
|---|---|
| 479 | Xogħol isir meta ssir it-triq |
| 486 | Grima & Sons |
| 496 | Issir MC Bay |
| 507 | Ma tistax issir |
| 534 | Jibqa' kollox kif inhu |
| 536 | Ma tistax issir |
| 461 | Issir applikazzjoni mal-Enemalta |
| 563 | Transport Malta |
| 708 | Isiru double yellow lines |

## 57.11 Tmiem tal-Laqgħa u data tas-seduta li jmiss

Il-laqgħa intemmet fis-7:45pm u ġiet aġġornata għall-24 ta' Ottubru 2022, fil-5.30pm

Stephen Sultana
Sindku

Michael Mifsud
Deputat Segretarju Eżekuttiv

Konfermati, illum 24 ta' Ottubru, 2022